

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

A6-0121/2009

6.3.2009

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 92/79/KEE, 92/80/KEE u 95/59/KE dwar l-istruttura u r-rati ta' dazju tas-sisa applikati fuq tabakk manifatturat
(COM(2008)0459 – C6-0311/2008 – 2008/0150(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Zsolt László Becsey

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa **qawwija u korsiva**. Fil-każ ta' atti li jemendaw, il-partijiet li jittieħdu kif inhum minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-Kummissjoni ma tkunx emendat, huma indikati b'tipa **qawwija**. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...]. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

| | |
|---|----|
| ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW..... | 4 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 16 |

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 92/79/KEE, 92/80/KEE u 95/59/KE dwar l-istruttura u r-rati ta' dazju tas-sisa applikati fuq tabakk manifatturat
(COM(2008)0459 – C6-0311/2008 – 2008/0150(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2008)0459),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 93 tat-Trattat KE, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0311/2008),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A6-0121/2009),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex konsegwentement tbiddel il-proposta tagħha, skont l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

Amendment 1

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Bil-għan li jkun żgurat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas- saħħa, kif rekwiżit mill-Artikolu 152 tat-Trattat tal-KE, meta jitqies li l-Komunità hija Parti għall-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-

Emenda

(2) Bil-għan li jkun żgurat it-tħaddim tajjeb tas-suq intern u, fl-istess ħin, livell għoli ta' ħarsien tas- saħħa, kif rekwiżit mill-Artikolu 152 tat-Trattat tal-KE, meta jitqies li l-Komunità hija Parti għall-Konvenzjoni ta' Qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-

Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC), bidliet differenti għandhom isiru fil-materja. Dawn il-bidliet għandhom iqisu l-qagħda prevalenti għal kull wieħed mill-prodotti tat-tabakk.

Saħħa dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC), bidliet differenti għandhom isiru fil-materja. Dawn il-bidliet, **fejn xieraq**, għandhom iqisu ***l-projbizzjoni tat-tipjip u l-qagħda prevalenti għal kull wieħed mill-prodotti tat-tabakk u għandhom ikunu kumplimentari għall-projbizzjoni dwar ir-reklamar tat-tabakk u għat-tnedija ta' kampanji edukattivi. Għandu jitqies ukoll il-bżonn li jkun miġġieled il-kuntrabandu minn pajjiżi terzi u l-kriminalità organizzata u l-istabbiliment u t-tkabbir taż-żona Schengen.***

Ġustifikazzjoni

Hija esaġerata b'tali mod li t-tassazzjoni għandha influwenza qawwija fuq it-tnaqqis tat-tipjip. Elementi oħra bħall-edukazzjoni, il-projbizzjoni jew il-bidla fid-drawwiet soċjali jista' jkollhom influwenza importanti.

Prezzijiet baxxi f'pajjiżi ġirien li jkunu mal-fruntiera ta' Stati Membri ġodda jeħtieġu moderazzjoni fiż-żidiet tal-prezzijiet, li, 'il fuq minn livell minimu, se jkollhom effetti fuq is-suq intern. It-tħaddim adattat taż-żona Schengen ma għandux jiġi milqut mill-pulizija u l-kontrolli doganali f'reġjuni mal-fruntiera biex iħarsu biss il-konsum nazzjonali a spejjeż tal-konsum privat.

Emenda 2

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) Dwar is-sigaretti, l-arranġamenti għandhom ikunu ssimplifikati sabiex jinħolqu kundizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni għall-manifatturi, biex inaqqsu s-separazzjoni tas-swieq tat-tabakk **u** jenfazzaw l-għanijiet tas-saħħa. Għal dan il-għan, għandu jkun sostitwit il-kunċett tal-kategorija tal-prezz l-aktar popolari; ir-rekwiżit minimu ***relatat mal-prezz għandu jirreferi għall-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut, waqt li l-minimu monetarju għandu jkun applikabbli għas-sigaretti kollha. Għal raġunijiet simili, il-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut għandu jservi wkoll*** bħala referenza għall-

Emenda

(3) Dwar is-sigaretti, l-arranġamenti għandhom ikunu ssimplifikati sabiex jinħolqu kundizzjonijiet newtrali ta' kompetizzjoni għall-manifatturi, biex inaqqsu s-swieq tat-tabakk, ***sabiex ikun żgurat trattament ugwali tal-Istati Membri kollha, ta' dawk li jkabbiru t-tabakk u tal-industrija tat-tabakk*** jenfazzaw l-għanijiet tas-saħħa, ***u biex jikkonformaw mal-għanijiet makroekonomiċi, bħall-mira tal-inflazzjoni baxxa, fid-dawl tat-tkabbir taż-żona euro u l-konverġenza tal-prezzijiet.*** Għal dan il-għan, għandu jkun sostitwit il-kunċett tal-kategorija tal-prezz l-aktar popolari; ir-rekwiżit minimu ***tad-***

kejl ta' l-importanza ta' dazju tas-sisa speċifiku fil-piż totali tat-taxxa.

dazju tas-sisa għall-prodotti kollha tat-tabakk fl-Istati Membri kollha għandu, sal-1 ta' Jannar 2012, ikun espress biss bħala komponent speċifiku impost fuq kull unità ta' tabakk. Il-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut għandu jservi biss bħala referenza għall-kejl tal-importanza ta' dazju tas-sisa speċifiku fil-piż totali tat-taxxa. Stati Membri b'livell għoli ta' dazji tas-sisa fuq prodotti tat-tabakk għandhom jadottaw politika ta' moderazzjoni fir-rigward żieda fit-taxxa, billi jżommu f'moħħhom l-importanza tal-konverġenza tal-livell tat-taxxa fis-suq intern.

Ġustifikazzjoni

Huwa meħtieġ li jitneħħa l-perjodu tranżitorju wara l-adeżjoni tal-hekk imsejħa Stati Membri ġodda kif ukoll b'mod adattat il-possibilità ta' Prattiki diskriminatorji mill-hekk imsejħa Stati Membri qodma fil-każ ta' trasferiment transkonfinali ta' prodotti tat-tabakk għal raġunijiet privati. Fil-każ ta' żieda drammatika tad-dazju tas-sisa u kif xieraq il-prezzijiet legali tal-konsumatur f'dawn l-Istati Membri, il-produzzjoni u kif xieraq il-forniment ta' tabakk fl-istat naturali se jitlaq mill-UE u jkun użat fl-istati ġirien.

Emenda 3

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Dwar it-tabakk imqatta' fin intiż għall-brim tas-sigaretti, il-limiti minimi tal-Komunità għandhom jiġu espressi b'tali mod li jinkisbu effetti simili għal dak fil-qasam tas-sigaretti. Għal dan il-għan, għandu jkun ipprovdut li *livell ta' tassazzjoni nazzjonali għandu jikkonforma mal-minimu espress bħala **perċentwal tal-prezz bl-imnut u ieħor espress bħala ammont fiss.***

Emenda

(5) Dwar it-tabakk imqatta' fin intiż għall-brim tas-sigaretti, il-limiti minimi tal-Komunità għandhom jiġu espressi b'tali mod li jinkisbu effetti simili għal dak fil-qasam tas-sigaretti. Għal dan il-għan, għandu jkun ipprovdut li *l-livelli ta' tassazzjoni nazzjonali għandhom jikkonformaw mal-minimu espress bħala **ammont fiss impost fuq kull unità ta' tabakk sal-1 ta' Jannar 2012.***

Ġustifikazzjoni

Kemm għas-sigaretti u t-tabakk imqatta' fin il-bidla fil-livell minimu tad-dazju tas-sisa espress f'Euro jagħmilha inutli li tkun stabbilita l-inkidenza tas-sisa minima espressa bħala perċentwal tal-prezz bl-imnut.

Emenda 4

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni

(7) Konverġenza akbar tgħin ukoll biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. ***Il-livell ta' tassazzjoni huwa fattur ewlieni fil-prezz tal-prodotti tat-tabakk, li min-naħa tiegħu jinfluwenza d-drawwiet tat-tipjip tal-konsumatur.*** Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin intiż għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-għanijiet tal-kontroll fuq it-tabakk.

Emenda

(7) Konverġenza akbar tgħin ukoll biex tiżgura livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa tal-bniedem. Il-frodi u l-kuntrabandu jimminaw il-livelli tal-prezz ikkaġunati mit-taxxa tas-sigaretti u tabakk imqatta' fin intiż għall-brim tas-sigaretti u għalhekk jipperikolaw il-kisba tal-għanijiet tal-kontroll fuq it-tabakk.

Ġustifikazzjoni

Ara l-emenda 1

Emenda 5

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Bil-għan li tinkiseb konverġenza akbar u jitnaqqas il-konsum, il-livelli minimi Komunitarji ta' tassazzjoni fuq is-sigaretti u t-tabakk imqatta' fin intiż għall-brim ta' sigaretti għandhom jiżdiedu.

Emenda

(8) Bil-għan li tinkiseb konverġenza akbar u jitnaqqas il-konsum, il-livelli minimi Komunitarji ta' tassazzjoni fuq is-sigaretti u t-tabakk imqatta' fin intiż għall-brim ta' sigaretti għandhom jiżdiedu ***b'mod moderat.***

Ġustifikazzjoni

Kemm għas-sigaretti u t-tabakk imqatta' fin il-bidla fil-livell minimu tad-dazju tas-sisa espress f'Euro jagħmilha inutli li tkun stabbilita l-inċidenza tas-sisa minima espressa bħala perċentwal tal-prezz bl-imnut.

Emenda 6

Proposta għal direttiva – att li jemenda Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni

(10) Fl-interess ta' tassazzjoni uniformi u ġusta, id-definizzjoni ta' sigaretti, ***sigarri u sigarri żgħar*** u ta' tabakk tat-tipjip ieħor għandha tkun adattata sabiex, rispettivament, rombli tat-tabakk li *skond* it-tul tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati żewġ sigaretti jew aktar għal skop ta' *sisa; tip ta' sigarru li huwa simili f'ħafna karatteristiċi għas-sigarett huwa trattat bħala sigarett għal għanijiet ta' sisa*; u tabakk tat-tipjip li huwa simili b'ħafna modi għat-tabakk imqatta' fin intiż għall-brim ta' sigaretti huwa ttrattat bħala tabakk imqatta' fin għal għan ta' sisa.

Emenda

(10) Fl-interess ta' tassazzjoni uniformi u ġusta, id-definizzjoni ta' sigaretti u ta' tabakk tat-tipjip ieħor għandha tkun adattata sabiex, rispettivament, rombli tat-tabakk li *skont* it-tul tagħhom jistgħu jiġu kkunsidrati żewġ sigaretti jew aktar fil-kuntest tas-sisa u tabakk tat-tipjip li huwa simili b'ħafna modi għat-tabakk imqatta' fin intiż għall-brim ta' sigaretti huwa ttrattat bħala tabakk imqatta' fin għal għan ta' sisa.

Ġustifikazzjoni

Il-kategorizzazzjoni għandha tkun stabbilita fuq il-kontenut attwali tal-prodott tat-tabakk minflok fl-għamla tiegħu jew il-mod ta' produzzjoni.

Emenda 7

Proposta għal direttiva – att li jemenda Artikolu 1 – punt 1 Direttiva 92/79/KEE Artikolu 2 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dazju tas-sisa (*dazju speċifiku u dazju ad valorem*) fuq is-sigaretti jirrapreżenta ta' l-anqas 57 % tal-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti mibjugħa. ***Dak id-dazju tas-sisa*** ma jkunx inqas minn EUR 64 għal kull 1,000 sigarett ***irrispettivament mill-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut.***

Madankollu, l-Istati Membri li jimponu dazju tas-sisa ta' mill-anqas EUR 101 għal

Emenda

1. Sal-1 ta' Jannar 2012, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dazju tas-sisa ma jkunx anqas minn EUR 64 għal kull 1 000 sigarrett għat-tipi kollha ta' sigaretti.

kull 1,000 sigarett fuq il-bażi tal-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut ma jeħtiġilhomx li jikkonformaw mar-rekwiżit tas-57 % indikat fl-ewwel subparagrafu.

Ġustifikazzjoni

Fis-suq intern il-livell minimu għandu jkun speċifikat biss bħala ammont fiss għal kull unità ta' tabakk. (Ara l-emenda 3.)

Emenda 8

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 92/79/KEE

Artikolu 2 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Mill-1 ta' Jannar 2014, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dazju tas-sisa (*dazju speċifiku u dazju ad valorem*) fuq is-sigaretti *jirrapreżenta ta' l-anqas 63 % tal-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut tas-sigaretti mibjugħa. Dak id-dazju tas-sisa* ma jkunx inqas minn *EUR 90* għal kull 1,000 sigarett *irrispettivament mill-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut.*

Madankollu, l-Istati Membri li jimponu dazju tas-sisa ta' mill-anqas EUR 122 għal kull 1 000 sigarett fuq il-bażi tal-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut ma jeħtiġilhomx li jikkonformaw mar-rekwiżit tas-63 % indikat fl-ewwel subparagrafu.

Emenda

2. Mill-1 ta' Jannar 2014, l-Istati Membri *kollha* għandhom jiżguraw li d-dazju tas-sisa fuq *kull kategorija ta'* sigaretti ma jkunx anqas minn *EUR 75* għal kull 1,000 sigarett *jew EUR 8 iżjed mil-livell tal-1 ta' Jannar 2010.*

Emenda 9

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 92/79/KEE

Artikolu 2 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut għandu jkun determinat fl-**1 ta' Jannar** ta' kull sena, b'referenza għas-sena n-1, fuq il-bażi **tar-rilaxxi kollha għall-konsum**, u l-prezzijiet *inklużi* t-taxxi kollha.

3. Il-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut għandu jkun determinat fl-**1 ta' Marzu** ta' kull sena, b'referenza għas-sena n-1, fuq il-bażi **tal-volum totali mqiegħed fis-suq** u l-prezzijiet *li jinkludu* t-taxxi kollha.

Ġustifikazzjoni

Minħabba ż-żmien meħtieġ biex tinġabar id-dejta, l-1 ta' Jannar huwa kmieni wisq biex ikun ikkalkulat il-prezz medju peżat għas-sena ta' qabel (Jannar sa Diċembru). Għalhekk nirrakkomandaw li d-data tkun l-1 ta' Marzu ta' kull sena. Dan se jagħti xahrejn żmien lill-Istati Membri biex jikkonformaw mad-dejta tas-suq.

Emenda 10

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 1 – punt 1

Direttiva 92/79/KEE

Artikolu 2 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. L-Istati Membri għandhom iżidu b'mod gradwali d-dazji tas-sisa bil-għan li jilhqur-**rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 2 fid-dati indikati fil-paragrafi 2 u 4 rispettivament.**

5. L-Istati Membri għandhom iżidu b'mod gradwali d-dazji tas-sisa bil-għan li jilhqur-**rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 sal-1 ta' Jannar 2012.**

L-Istati Membri li fihom id-dazju tas-sisa ġie applikat fl-1 ta' Jannar 2009 għal kull kategorija tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut li jkun ogħla minn EUR 64 għal kull 1000 sigarrett ma għandhomx inaqqsu l-livell tad-dazju tas-sisa.

Ġustifikazzjoni

Biex ikun evitat kull abbuż bit-tneħħija tal-incidenta tas-sisa minima espressa bħala perċentwal tal-prezz bl-imnut, u żieda aktar moderata fir-rata minima tad-dazju tas-sisa kif ukoll tkun evitata żieda ulterjuri fid-differenzi tal-prezzijiet bejn l-Istati Membri ġirien, l-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri hija essenzjali.

Emenda 11

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 1
Direttiva 92/79/KEE
Artikolu 2 – paragrafu 6 – subparagrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tikkalkula u tippubblika, fl-istess okkażjoni u għal raġunijiet ta' informazzjoni, il-prezz l-aktar baxx għas-sigaretti fl-Ewropa, espress f'euro u fil-muniti nazzjonali, biż-żieda tad-dazju tas-sisa u l-VAT imposta fuq pakkett nominali ta' sigaretti ta' valur ta' EUR 0 qabel it-taxxa.

Ġustifikazzjoni

It-trasparenza u l-interessi tal-pubbliku, tal-operaturi u tal-Istati Membri jeħtieġu li l-livell ta' tassazzjoni minima Ewropea fuq is-sigaretti jkun ippubblikat uffiċjalment b'mod ċar u sempliċi.

Emenda 12

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Artikolu 1 – punt 2
Direttiva 92/79/KEE
Artikolu 2a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Artikolu 2a jinbidel b'dan li ġej:

imħassar

“Artikolu 2a

1. Fejn bidla fil-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut isseħħ fi Stat Membru, u b'hekk iġġib id-dazju tas-sisa taħt il-livelli indikati fil-paragrafi 1 u 2 ta' l-Artikolu 2 rispettivament, l-Istat Membru kkonċernat jista' ma jaġġustax dak id-dazju sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara dik li fiha seħħet il-bidla.

2. Fejn Stat Membru jżid ir-rata tat-taxxa tal-valur miżjud fuq is-sigaretti, huwa jista' jnaqqas id-dazju tas-sisa sa ammont

li, espress bħala perċentwal tal-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut, huwa ugwali għaż-żieda fir-rata tat-taxxa tal-valur miżjud, espressa wkoll bħala perċentwal tal-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut, anke jekk aġġustament bħal dan għandu l-effett li jonqos id-dazju tas-sisa sa taħt il-livelli, espress bħala perċentwal tal-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut, stipulat fil-paragrafi 1 u 2 ta' l-Artikolu 2 rispettivament.

Madankollu, l-Istat Membru għandu jerġa' jżid id-dazju sabiex jilħaq tal-anqas dawk il-livelli mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar tat-tieni sena wara dik li fiha jkun seħħ it-tnaqqis."

Ġustifikazzjoni

Iż-żmien biex ikun aġġornat l-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut ara emenda 7.

Emenda 13

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 2 – punt 1

Direttiva 92/80/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 1– subparagrafi 8 u 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Mill-1 ta' Jannar 2010, l-Istati Membri għandhom japplikaw dazju tas-sisa fuq tabakk tat-tipjip imqatta' fin intiż għall-brim ta' sigaretti ta' mill-anqas **38 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxa kollha, u ta' l-anqas EUR 43 kull kilogramm.***

*“Mill-1 ta' Jannar 2014, l-Istati Membri għandhom japplikaw dazju tas-sisa fuq tabakk tat-tipjip imqatta' fin intiż għall-brim ta' sigaretti ta' mill-anqas **42 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxa kollha, u ta' l-anqas EUR 60 kull kilogramm.***

*Sa mill-1 ta' Jannar 2014, l-Istati Membri għandhom japplikaw dazju tas-sisa fuq tabakk tat-tipjip imqatta' fin intiż għall-brim ta' sigaretti ta' mill-anqas **EUR 50 għal kull kilogramma jew 6% aktar mill-livell tal-1 ta' Jannar 2012.***

*Sa mill-1 ta' Jannar 2012, l-Istati Membri għandhom japplikaw dazju tas-sisa fuq tabakk tat-tipjip imqatta' fin intiż għall-brim ta' sigaretti ta' mill-anqas **EUR 43 għal kull kilogramma jew 20% aktar mill-livell fl-1 ta' Jannar 2010.***

Emenda 14

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 2 – punt 1

Direttiva 92/80/KEE

Artikolu 3 – paragrafu 1– subparagrafi 10 u 11

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom iżidu b'mod gradwali d-dazji tas-sisa biex jilhqqu *r*-rekwiżiti minimi *msemmija fid-disa' subparagrafu fl-1 ta' Jannar 2014*.

Mill-1 ta' Jannar 2010, id-dazju tas-sisa espress bħala *perċentwal*, bħala ammont għal kull *kilogramm* jew għal għadd iffissat ta' oġġetti għandu jkun *ta' l-anqas* ekwivalenti għal li ġej:

(a) fil-każ ta' sigarri *u* sigarri żgħar, **5 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha jew EUR 12 għal kull 1,000 oġġett jew għal kull *kilogramm***;

(b) fil-każ tat-tabakk tat-tipjip, li mhuwiex tabakk tat-tipjip mqatta' fin intiż għall-brim tas-sigaretti, **20 % tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut inklużi t-taxxi kollha, jew EUR 22 għal kull *kilogramm***."

Emenda 15

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 3 – punt 4 a (ġdid)

Direttiva 95/59/KE

Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-Istati Membri għandhom iżidu b'mod gradwali d-dazji tas-sisa biex jilhqqu *dawk ir*-rekwiżiti minimi.

Sa mill-1 ta' Jannar 2012, id-dazju tas-sisa espress bħala ammont għal kull *kilogramma* jew għal għadd iffissat ta' oġġetti għandu jkun *tal-anqas* ekwivalenti għal li ġej:

(a) fil-każ tas-sigarri *jew* sigarri żgħar, EUR 12 għal kull 1 000 oġġett jew għal kull *kilogramma*;

(b) fil-każ tat-tabakk tat-tipjip, li mhuwiex tabakk tat-tipjip mqatta' fin intiż għall-brim tas-sigaretti, EUR 22 għal kull *kilogramma*.

ta' Stat Membru ta' miżuri li għandhom x'jaqsmu mal-livelli tal-prezzijiet applikabbli, fil-kuntest tal-politika tas-saħħa pubblika ta' dak l-Istat Membru, sabiex ma jinkoraġġux il-konsum tat-tabakk, speċjalment minn dawk li għadhom żgħar, sakemm ikunu kompatibbli mal-leġiżlazzjoni tal-Komunità."

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda għandha l-għan li tallinja l-politiki għall-prevenzjoni tat-tabakk kif deskritt fir-Rakkomandazzjoni 2003/54/KE tal-Kunsill mad-Direttiva 95/59 sabiex ittejjeb il-kontroll fuq it-tabakk.

Emenda 16

Proposta għal direttiva – att li jemenda

Artikolu 3 – punt 5

Direttiva 95/59/KE

Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa ma jistax ikun inqas minn 10 % u aktar minn 75 % ta' l-ammont tal-piż tat-taxxa totali li jirriżulta mill-aggregazzjoni ta' li ġej:

- (a) dazju speċifiku tas-sisa;
- (b) id-dazju tas-sisa proporzjonali u t-taxxa fuq il-valur miżjud imposta fuq il-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut.

Il-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut għandu jkun determinat fl-**1 ta' Jannar** ta' kull sena, b'referenza għas-sena n-1, fuq il-bażi tar-rilaxxi kollha għall-konsum, u l-prezzijiet inklużi t-taxxi kollha.

Emenda

1. Il-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa ma jistax ikun inqas minn 10 %, **sa mill-1 ta' Jannar 2012**, u aktar minn 55 % tal-ammont tal-piż tat-taxxa totali li jirriżulta mill-aggregazzjoni ta' li ġej:

- (a) dazju speċifiku tas-sisa;
- (b) id-dazju tas-sisa proporzjonali u t-taxxa fuq il-valur miżjud imposta fuq il-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut.

Il-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut għandu jkun determinat fl-**1 ta' Marzu** ta' kull sena, b'referenza għas-sena n-1, fuq il-bażi tar-rilaxxi kollha għall-konsum, u l-prezzijiet inklużi t-taxxi kollha.

1a. Il-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa ma jistax ikun inqas minn 10 %, **sa mill-1 ta' Jannar 2014**, u aktar minn 60 % tal-ammont tal-piż tat-taxxa totali li jirriżulta mill-aggregazzjoni ta' li ġej:

(a) dazju speċifiku tas-sisa; kif ukoll

(b) id-dazju tas-sisa proporzjonali u t-taxxa fuq il-valur miżjud imposta fuq il-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut.

Il-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut għandu jkun determinat fl-1 ta' Marzu ta' kull sena, b'referenza għas-sena n-1, fuq il-bażi tar-rilaxxi kollha għall-konsum, u l-prezzijiet inklużi t-taxxi kollha.

Ġustifikazzjoni

Bl-iffissar tas-sehem minimu u massimu tal-komponent speċifiku tad-dazju tas-sisa ta' 10% u 55% tal-ammont tal-piż totali tat-taxxa, rispettivament, nistgħu nilħqu żewġ objettivi: (1) il-kisba ta' konverġenza moderata tal-istruttura tas-sisa; u (2) iż-żamma tad-dazju tas-sisa ta' żewġ komponenti fl-Istati Membri kollha u tkun evitata l-bidla fil-qagħda kompetittiva bejn il-produtturi tas-sigaretti.

NOTA SPJEGATTIVA

Sommarju tal-proposta tal-Kummissjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni hi ppreżentata bħala emenda tal-leġiżlazzjoni attwali tal-UE dwar id-dazju tas-sisa fuq it-tabakk. L-abbozz ta' Direttiva tipprevedi żieda gradwali fil-livelli minimi ta' taxxa tal-UE dwar is-sigaretti u t-tabakk imqatta' fin sal-2014. Hi ukoll taġġorna d-definizzjonijiet tat-tipi differenti ta' prodotti tat-tabakk. Skont il-Kummissjoni, din il-proposta se tnaqqas id-differenzi bejn il-livelli ta' taxxa fuq it-tabakk tal-Istati Membri u tgħin biex ikun indirizzat il-kuntribandu tas-sigaretti fi ħdan l-UE. Bil-proposta tagħha, il-Kummissjoni tistenna wkoll li jsir kontribut biex jonqos il-konsum tat-tabakk b'10% fil-ħames snin li ġejjin.

Fil-qosor, il-Kummissjoni qed tipproponi:

- li tabolixxi l-benchmark tal-MPPC ("l-iktar kategorija tal-prezz popolari") bħala punt ta' referenza għar-rekwiżiti minimi tal-UE fuq id-dazji tas-sisa u għall-kejl tal-importanza ta' dazju tas-sisa speċifiku fi ħdan it-toqol tat-taxxa totali. Skont il-Kummissjoni, l-MPPC, bħala punt ta' referenza għar-rati minimi, mhuwiex konformi mal-għanijiet tas-Suq Intern għaliex jinvolvi qsim tas-swieq tat-tabakk tal-Istati Membri.

- Biex iżżid b'mod gradwali r-rekwiżit minimu għas-sigaretti konformi mal-objettivi tas-suq intern u kunsiderazzjonijiet dwar is-saħħa.

- biex tippermetti lill-Istati Membri aktar flessibilità li japplikaw taxxi speċifiċi u biex idaħħlu d-dazju tas-sisa minimu fuq is-sigaretti. Mandankollu, bil-għan li tkun evitata qagħda ta' tassazzjoni purament speċifika fi Stat Membru u tassazzjoni purament *ad valorem* fi Stat Membru ġar, li tirriżulta fi fluss transkonfinali għal marki ewlenin mill-ewwel għat-tieni Stat Membru bil-marki bi prezzijiet l-aktar baxxi jimxu fid-direzzjoni opposta, hija mixtieqa xi forma ta' konsistenza fl-istrutturi tad-dazju tas-sisa. Għalhekk huwa propost li l-iskala tinftaħ minn 5 % - 55 % għal 10 % - 75 % tal-piż totali tad-dazju.

- sabiex ir-rati minimi għat-tabakk imqatta' fin intiż għall-brim tas-sigaretti jinġabru gradwalment fl-istess livell tar-rata għas-sigaretti.

- biex ikunu aġġustati minħabba l-inflazzjoni r-rekwiżiti minimi għal prodotti tat-tabakk li mhumiex sigaretti u tabakk imqatta' fin intiż għall-brim tas-sigaretti. Ir-rata tal-inflazzjoni hi stmata mill-Kummissjoni għal madwar 2% fis-sena jew għal 8% tul il-perjodu sħiħ. Meta jiġi applikat dan il-perċentwal lill-ammonti speċifiċi minimi u meta ċ-ċifri jkunu mdawra sa l-eqreb unità joħorġu EUR 12 għas-sigarri u s-sigarri żgħar u EUR 22 għal tabakk ieħor għat-tipjip.

- biex tiġi emendata d-differenza eżistenti ta' sigaretti, sigarri u tabakk ieħor għat-tipjip.

Evalwazzjoni u rakkomandazzjonijiet mir-rapporteur għal opinjoni

Waqt li jagħraf il-ħtieġa li jkunu segwiti għanijiet leġittimi ta' saħħa fl-oqsma kollha tal-intervent tal-UE, ir-rapporteur għal opinjoni jixtieq jenfasizza l-importanza li jkunu meqjusa, meta ssir leġiżlazzjoni fil-qasam tad-dazju tas-sisa, għanijiet oħra wkoll leġittimi tal-Unjoni. Kwalunkwe bidla f'dan il-qasam għandha tqis il-qagħda prevalenti għal kull wieħed mill-prodotti tat-tabakk u għandha tkun kumplimentari għall-projbizzjoni dwar ir-reklamar tat-tabakk u għat-tnedija ta' kampanji edukattivi. Għandu jitqies ukoll il-bżonn li jkun miġġieled il-kuntrabandu minn pajjiżi terzi u l-kriminalità organizzata u t-tkabbir taż-żona Schengen kif ukoll li tikber iż-żona euro.

Fir-rigward tas-sigaretti, ir-rapporteur għal opinjoni jaqsam l-istess ideat tal-Kummissjoni li l-arranġamenti għandhom ikunu simplifikati. Għal din ir-raġuni ir-rapporteur għal opinjoni qed jipproponi simplifikazzjoni sostanzjali tal-istruttura tad-dazju tas-sisa bil-għan li jintlaħqu dawn l-għanijiet:

- li jinħolqu kundizzjonijiet newtrali tal-kompetizzjoni għall-produtturi
- li jonqos il-qsim f'partijiet tas-swieq tat-tabakk
- li jkun żgurat trattament indaq għall-Istati Membri kollha
- li tingħata importanza lill-objettivi tas-saħħa, u
- fl-aħħar imma mhux l-inqas, li jkun hemm konformità mal-objettivi makroekonomiċi, u partikolarment mal-miri tal-inflazzjoni.

Barra minn hekk, meta jkunu f'fissati r-rekwiżiti minimi tad-dazju tas-sisa, għandu jkun ikkunsidrat l-interess ta' dawk li jkabbiru t-tabakk u tal-industrija tat-tabakk.

Għal dan il-għan, ir-rekwiżit minimu tad-dazju tas-sisa għall-prodotti kollha u għall-Istati Membri kollha għandu jkun espress biss bħala komponent speċifiku impost fuq kull unità tal-prodott sal-1 ta' Jannar 2014. Minn din id-data, ir-rekwiżiti minimi tad-dazju tas-sisa espressi bħala perċentwali tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut għandhom għalhekk jitneħħew. Dazju tas-sisa minimu wieħed biss se jkun applikabbli għall-prodotti kollha u għall-Istati Membri kollha.

Fir-rigward tas-sigaretti, l-Istati Membri, li fihom id-dazju tas-sisa applikat fl-1 ta' Jannar 2009 għal kull kategorija tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut ikun oġġla minn EUR 64, dawn ma għandhomx jitħallew inaqqsu dan id-dazju tas-sisa. Sabiex iż-żieda fil-prezz tkun moderata f'pajjiżi b'taxxa għolja u sabiex titħeġġeġ il-konverġenza, ir-rapporteur għal opinjoni tagħkom jissuġġerixxi li d-dazju tas-sisa għandu jżomm il-forma ta' żewġ komponenti waqt li l-livell massimu tal-parti tal-*ad valorem* m'għandux ikun akbar minn 55% tal-prezz tal-bejgħ bl-imnut. Għall-istess raġuni, it-tariffa tas-sisa minima (jekk teżisti) ma tistax tkun għola minn 100% tal-prezz medju peżat tal-bejgħ bl-imnut.

Dan hu sommarju tal-proposta tar-rapporteur għal opinjoni għad-dazju tas-sisa minimu, applikabbli għall-prodotti kollha li jaqgħu taħt l-istess kategorija ta' prodott u għall-Istati Membri kollha, mill-1 ta' Jannar 2014:

Sigaretti

EUR 64 għal kull 1000 sigarett

Tabakk tat-tipjip mqatta' fin intiż għall-brim

EUR 43 għal kull kilogramma jew 12% aktar mil-livell tal-1 ta' Jannar 2010.

Mill-1 ta' Jannar 2010:

Sigarri u sigarri żgħar

EUR 12 kull 1000 unità jew kull kilogramma, imma massimu ta' 130% tal-livell nazzjonali fl-1 ta' Jannar 2010 sal-1 ta' Jannar 2014.

Tabakk tat-tipjip minbarra dak imqatta' fin intiż għall-brim

EUR 22 kull kilogramma

Barra minn hekk, ir-rapporteur għal opinjoni jipproponi li ma jaċċettax il-bidla fid-definizzjoni fir-rigward ta' sigarri u sigarri żgħar, minħabba li hu mhux konvint li t-taxxa ta' prodott għandha tkun ibbażata fuq l-appararenza esterna viżibbli ta' prodott tat-tabakk aktar milli fuq il-kompożizzjoni attwali tiegħu.

PROĊEDURA

| | | | |
|---|--|--------------|-----------|
| Titolu | L-istruttura u r-rati ta' dazju tas-sisa applikati fuq tabakk manifatturat | | |
| Referenzi | COM(2008)0459 – C6-0311/2008 – 2008/0150(CNS) | | |
| Data meta ġie kkonsultat il-PE | 11.9.2008 | | |
| Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON 23.9.2008 | | |
| Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ENVI 23.9.2008 | | |
| Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni | ENVI 10.9.2008 | | |
| Rapporteur(s) Data tal-ħatra | Zsolt László Becsey 24.9.2008 | | |
| Eżami fil-kumitat | 5.11.2008 | 2.12.2008 | 20.1.2009 |
| Data tal-adozzjoni | 2.3.2009 | | |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: –: 0: | 16 2 9 | |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Mariela Velichkova Baeva, Paolo Bartolozzi, Zsolt László Becsey, Pervenche Berès, Sharon Bowles, Manuel António dos Santos, Elisa Ferreira, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Donata Gottardi, Gunnar Hökmark, Karsten Friedrich Hoppenstedt, Sophia in 't Veld, Gay Mitchell, Sirpa Pietikäinen, John Purvis, Eoin Ryan, Antolín Sánchez Presedo, Olle Schmidt, Margarita Starkevičiūtė | | |
| Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali | Mia De Vits, Harald Ettl, Werner Langen, Klaus-Heiner Lehne, Gianni Pittella | | |
| Sostitut(i) (skont l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali | Françoise Castex, Hans-Peter Mayer | | |
| Data tat-tressiq | 6.3.2009 | | |